MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Numru 112/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**Mario Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Bartolo, ta’ 42 sena, bin Joseph u Emanuela nee’ Lautier, imwieled Pieta’ nhar is-16 ta’ Ottubru 1961, residenti 35, ‘Marija Immakulata’, Triq Mons Luigi Catania Zabbar, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 671061 (M) gie akkuzat talli:

1. Talli nhar it-8 ta' Frar 2004, f'Bormla, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi halef il-falz quddiem magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CJ1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 110(2), 108(1)(a) u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mario Bartolo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Mario Bartolo ghall-piena komplessiva ta' disa' (9) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk

matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Mario Bartolo jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghda timponi fuq l-imputat Mario Bartolo interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputat iservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Mario Bartolo sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ sebgha u sittin Liri Maltin (Lm67) rappresentanti spejjes inkorsi rigward in-nomina tal-Esperti li jirrigwardaw dan il-kaz.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Bartolo l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------